**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 30 TA' NOVEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 1199/01 AJD*

Cassar & Cooper (S & I) Ltd.

vs

General Auto Imports Ltd.

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Ottubru, 2001, fejn gie premess li s-socjeta' konvenuta inkarikat lis-socjeta' attrici biex tghabbi go erba' 'containers' tmien karozzi biex jigu esportati. Is-socjeta' attrici tat lill-konvenut stima tal-kost tal-operazzjoni. Il-konvenuti kellhom ilestu l-karti tad-Dwana.Il-konvenuti taw istruzzjoni biex jingabru it-tmien karozzi f'hin stabbilit minn Hal Far biex l-erba' 'containers' ikunu vicin il-Freeport halli jitilqu l-ghada. Biex isir dan, erba' 'containers', tard wara nofsinhar, jintrefghu permezz ta' 'lifter', jitpoggew fuq il-karrijiet, jigu rimorkjati sa Hal Far, jitnizzlu mill-karri biex fl-art jidhlu fihom il-karozzi, kmieni l-ghada filghodu jigi sigillati mill-fizzjal tad-Dwana – u ghal dan kellha tlesti s-socjeta' konvenuta il-karti relattivi, jittiehdu minnufih il-Freeport u hekk jitilqu fil-hin tax-xoghol. L-istima ta' l-ispiza moghtija lill-konvenuti saret fuq din il-bazi. Is-socjeta' attrici ghamlet regolarment u puntwalment il-parti taghha, izda, wara li kienet wara nofsinhar wasslet u nizzlet fl-art Hal Far l-erba' ''containers', l-ghada filghodu, xi saghtejn wara li kellhom jitghabbew il-karozzi, giet informata mill-konvenuti li l-karozzi ma setghux jistartjaw u ghalhekk ma setghux jaslu Hal Far, li kienu ghadhom Hal Qormi u kellhom jingabru minn hemm. Ghalhekk kellu jsir mill-gdid ix-xoghol tat-taghbija fuq il-karri tal-'containers', tingieb mill-gdid il-'lifter', isir il-vjagg sa Hal Qormi, jergghu jitnizzlu fl-art hemm, u wara li jiddahhlu fihom il-karozzi. Jergghu

jintrefghu ghal fuq il-karri u jittiehdu lejn il-Freeport. Hal Qormi x-xoghol ma setghax jibda mill-ewwel ghax il-karozzi ma kienux lesti u bdew jiddahhlu wahda wahda man mano li jitlestew. Hekk intilef hafna hin bin-nies tal-'containers' weqfin fil-vojt. Meta iddahhlu hemm, il-Fizzjal tad-Dwana, li kien ingieb biex jissigilla, sab illi s-socjeta' konvenuta ma kienitx ghaddiet regolarment il-karti tad-Dwana. Ghaddew hafna sighat sakemm dawk il-karti gew mghoddijin sewwa u dan ix-xoghol ma tlestix qabel l-4:00 p.m. Ghalhekk kellu jithallas 'overtime' li ma kienx kalkolat fl-istima tal-ispiza u sar xoghol doppju minn nies tal-'containers'. L-ispejjez zejda inkorsi telghu ghal tlett mija u tmienja u tletin liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm338.10), avvolja s-socjeta' attrici ma hadet xejn tad-disturb zejjed lilha kawzat minn negligenza tal-konvenuti. Dawn irrifjutaw li jhallsu dawn l-ispejjez zejda. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Is-socjeta' attrici ghalhekk talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' tlett mija u tmienja u tletin liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm338.10).
Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-31 ta' Lulju, 2001, u bl-interessi.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Roderick Zammit Pace, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tmienja u tletin liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm338.10) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR